MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2009

Numru. 874/2008

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND BORG**

**KONTRA**

**CHRISTOPHER SCERRI sive BAMBU ta' 28 sena, iben Ronald u l-mejta Alexandra nee' Zerafa, imwieled Tal-Pieta' nhar it-30 ta' Dicembru, 1980, residenti fil-fond Dar ir-Risq, Flat 8, Blokk C, Triq it-Tarzna, l-Isla, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 0077081M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **CHRISTOPHER SCERRI** li gie akkuzat talli nhar l-14 ta' Settembru, 2008 u fil-granet u x-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin, f'hinijiet differentii fil-Gzejjer Maltin, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmulin

b'risoluzzjoni wahda u dan bi ksur ta' l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

A. Fil-lejl bejn l-14 ta' Settembru, 2008 minn vettura ta' l-ghamla Fiat, mudell Punto ta' lewn hadrani bin-numru tar-registrazzjoni LCF 509 li kienet tinsab ipparkeggata fl-inhawi ta' Couvre de Porte, gewwa l-Birgu, ikkommetta s-serq ta' stereo tal-karozza ta' l-ghamla Pioneer, mudell DEH-1600R, bin-numru tas-serje CKPG026487EW, liema stereo tal-karozza jiswa madwar €232.94, fl-istess data hin, u lok ikkommetta s-serq ta; zewg credit cards u dokumenti ohra kif ukoll organizer u kartiera, liema valur taghhom mhux maghruf, ghad-dannu ta' Josanne Gatt mill-Birgu u persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-hin u bix-xorta ta' haga misruqa;

B. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara fuq vettura ta' l-ghamla Fiat, mudell Punto, ta' lewn hadrani u bin-numru tar-registrazzjoni LCF 509 li kienet tinsab ipparkeggata fl-inhawi ta' Couvre de Porte, gewwa l-Birgu, liema hsara teccedi €116.47 izda mhux izjed minn €1,164.69 ghad-detriment ta' Josanne Gatt mill-Birgu u persuni ohra;

C. U aktar talli fil-lejl ta' l-14 ta' Settembru, 2008 minn vettura ta' l-ghamla Rover, mudell 416, ta' lewn bajdani u bin-numru tar-registrazzjoni BBL 917 li kienet tinsab ipparkeggata fi Triq Bormla, gewwa Haz-Zabbar, ikkommetta s-serq ta' stereo tal-karozza ta' l-ghamla Kenwood, mudell KDC 334, bin-numru tas-serje mhux maghrufa, liema stereo tal-karozza jiswa madwar €175, ghad-dannu ta' Joseph Portelli mill-Pieta' u persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta ta' haga misruqa;

D. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara fuq vettura ta' l-ghamla Rover mudell 416 ta' lewn bajdani u bin-numru tar-registrazzjoni BBL 917 li kienet tinsab

ipparkeggata Triq Bormla, gewwa Haz-Zabbar, liema hsara teccedi €116.47 izda mhux izjed minn €1,164.69 ghad-detriment ta' Joseph Portelli mill-Pieta' u persuni ohra;

E. U aktar talli fil-lejl ta' l-14 ta' Settembru, 2008 minn vettura ta' l-ghamla Perodua Kelisa, ta' lewn il-fidda u bin-numru tar-registrazzjoni IBJ 119 li kienet tinsab ipparkeggata fi Triq Bormla, gewwa Haz-Zabbar, ikkommetta s-serq ta' madwar €10 u domna, ghad-dannu ta' Lucienne Montesin minn Haz-Zabbar u persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta ta' haga misruqa;

F. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara fuq vettura ta' l-ghamla Perodua Kelisa, ta' lewn il-fidda, u bin-numru tar-registrazzjoni IBJ 119, li kienet tinsab ipparkeggata fi Triq Bormla, gewwa Haz-Zabbar, liema hsara teccedi l-€116.47 izda mhux izjed minn €1,164.69, ghad-detriment ta' Lucienne Montesin minn Haz-Zabbar u persuni ohra;

G. U aktar talli fil-lejl ta' l-14 ta' Settembru, 2008 ghall-habta ta' l-11.30 ta' bil-leljl, fil-waqt li kien fi Triq Bormla, gewwa Haz-Zabbar, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe' dak ta' serq minn vetturi ohra, li kienu jinsabu pparkeggati fl-istess triq, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu, u li kieku sehh dna id-delitt kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur, u bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-dannu ta' diversi sidien tal-vetturi hemmhekk ipparkeggati;

H. U kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement f'Malta laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat u xjentement b'kull mod indahal biex ibieghhom jew imexxiehom.

Rat li fi stadju ta' interrogatorju l-imputat iddikkjara li mhux hati ta' l-imputazzjonijiet hekk kif dedotti fil-konfront tieghu, pero mibghuta l-Artikoli mill-Avukat Generali, moqrija l-istess Artikoli, wara li l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha, huwa rregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

L-Artikoli mibghuta fil-fatt jaqraw:
L-Arikolu 18, 261(b)(c)(f)(g), 263, 267, 270, 271, 278, 279, 280, 325, 334, 49, u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Fil-fatt l-imputat ta l-kunsens tiehgu ghal proceduri sommarji (seduta tat-22 ta' Mejju, 2009).

Ikkunsidrat:

Illi frankament din il-Qorti m'ghandha ebda dubbju dwar il-htija ta' l-imputat, apparit ghall-ammissjoni tieghu stess fi stadju ta' investigazzjoni Christopher Scerri rrilaxxa stqarrija pjuttost inkriminanti.

Illi ghaldaqstant qieghda ssib htija a bazi ta' l-Artikoli hawn fuq imsemmi, u cioe':
L-Arikolu 18, 261(b)(c)(f)(g), 263, 267, 270, 271, 278, 279, 280, 325, 334(reat alternattiv), 49, u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena rat il-fedina penali tieghu, semghet it-trattazzjonijiet fejn din il-Qorti anke giet mistiedna li timponi piena karcerarja in vista' tal-vizzju tad-droga afflingenti l-imputat. Din il-Qorti konsiderando dak li ntqal fit-trattazzjoni qieghda tikkundanna lil Christopher Scerri ghal erbgha u ghoxrin(24) xahar prigunerija, anke konsiderando l-hsara li saret lit-terzi, b'dan illi huwa rakkomandat li Christopher Scerri jigi ndirizzat lejn dik l-ghajnuna mehtiega.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------